MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 136/1999/1

**Carmel u Maria Delmar
u uliedhom Jennifer u Sharon ahwa Delmar u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2010 stante l-mewt ta' Carmel Delmar
fil-mori tal-kawza, il-gudizzju f'ismu gie trasfuz f'isem Jennifer Pauline Bugeja u Sharon Vivienne Gafa` ahwa Delmar**

**v.**

**Joseph u Doris konjugi Mifsud,
u Dr. Christopher Cilia u l-P.L. Sharon Mizzi
nominati b'digriet tal-25 ta' Frar 1997
bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**

**I-eredita` gjacenti ta' Sean Mifsud**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti Joseph u Doris konjugi Mifsud minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2008 li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li l-minuri Sean Mifsud kien responsabbli ghall incident awtomobilistiku in kwestjoni u li, skond il-ligi, l-konvenuti konjugi Mifsud kienu responsabbli ghal-hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-istess incident. Illikwidat id-danni fis-somma ta' €72,900 u kkundannat lill-istess konvenuti konjugi Mifsud ihallsu l-imsemmija danni bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez kollha kontra l-konvenuti konjugi Mifsud.

Ikun opportun li din il-Qorti tirriproduci s-sentenza tal-ewwel Qorti peress illi din fiha t-talbiet tal-atturi, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, sunt tal-fatti, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wassluha biex tilqa' t-talbiet tal-atturi.

"Il-Qorti

"Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

"Illi fil-15 ta' Settembru 1995, waqt li l-minuri Sean Mifsud kien qed isuq il-vettura numru F-0195 propjeta' tal-konvenuti Joseph u Doris konjugi Mifsud go Mdina Road, Zebbug, u kellu bhala passiggieri lill-minuri Alexander Delmar u Carlos Camilleri, sehh incident tat-traffiku li konsegwenza tieghu tilfu hajjithom kemm il-konducent kif ukoll z-zewg passiggiera;

"Illi Alexander Delmar miet intestat u l-atturi huma l-eredi tieghu;

“Illi bhala konsegwenza ta’ l-mewt ta’ Alexander Delmar fl-incident de quo, l-atturi garrbu danni – kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienu jahtu l-konvenuti Joseph u Doris konjugi Mifsud u binhom Sean Mifsud jew min minnhom minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

“Illi l-konvenuti – interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni subiti mill-atturi – baqghu inadempjenti;

“Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex: -

“1. tiddikjarahom responsabbli, jew min minnhom, ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

“2. tillikwida d-danni tal-atturi occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

“3. tikkundannahom, jew min minnhom, li jhallsu lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni;

“Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Frar 1997, dawk tal-procedura tal-bandu ghall-hatra ta’ kuraturi u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-vettura numru F-0195 bl-odjerni proceduri, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati nomine fejn gie dikjarat li huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u jirrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu ghamlu d-debiti verifiki;

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

"Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Mifsud fejn gie eccepit :-

"1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

"2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradditturi;

"3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhumiex responsabli ghall-incident de quo;

"4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suepsost, l-atturi ma sofrewx id-danni pretizi;

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti konjugi Mifsud debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

"Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

"Semghet lill-attrici Maria Delmar u rat l-affidavit tal-istess attrici;

"Semghet il-konvenuti konjugi Mifsud prodotti mill-atturi;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2003 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti konjugi Mifsud iddikjaraw li fil-hin tal-incident stradali in kwestjoni l-vettura kienet qed tigi misjuqa minn binhom Shaun Mifsud, illum mejjet;

"Rat l-affidavits tal-konvenuti konjugi Mifsud u l-affidavits ta' Reuben Mifsud u Tania Mifsud presentati mill-istess konvenuti konjugi Mifsud;

“Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Frar 2004 fejn il-konvenuti konjugi Mifsud iddikjaraw li l-provi li nstemghu fil-kors tal-inkjesta ghandhom itqiesu li nstemghu ukoll f’dawn il-proceduri u ghalhekk jitqiesu bhala prova ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi salv jekk ikun il-kaz li jsiru domandi ulterjuri lill dawn ix-xhieda;

“Semghet lill-konvenuta Doris Mifsud u x-xhud prodott mill-konvenuti konjugi Mifsud;

“Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Novembru 2004 minn fejn jirrizulta li l-partijiet kollha ta’ din il-kawza u tal-kawza citazzjoni numru 236/99 qabblu li l-rovi kollha li nstemghu f’din il-kawza ghandhom jitqiesu li nstemghu ukoll fl-imsemmija kawza l-ohra u vice versa;

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti konjugi Mifsud;

“Semghet it-trattazzjoni ulterjuri orali tad-difensur tal-atturi;

“Rat l-atti l-ohra kolha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Rat l-atti kollha tal-imsemmija kawza l-ohra citazzjoni 236/99;

“Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

“Ikkonsidrat:

“Jirrizulta li fil-15 ta’ Settembru 1995, ghad-disgha u nofs ta’ filghaxija (9.30 pm), sehh incident stradali go Mdina Road, Zebbug. Kien hemm vettura wahda involuta f’dan l-incident u cioe’ l-vettura numru ta’ registrazzjoni F-0195 tal-marka “Toyota Corolla” registrata fuq isem il-konvenut Joseph Mifsud. Fil-hin tal-incident l-imsemmija vettura kienet qed tigi misjuqa minn bin il-konvenuti konjugi Mifsud u cioe’ l-minuri Sean Mifsud. Il-minuri Alexander Delmar u Carlos Camilleri (li kellu dsatax il-sena) kienu passiggieri fl-imsemmija vettura fil-hin tal-incident. Kemm

minn kien qed isuq kif ukoll l-imsemmija passiggieri tilfu hajjithom bhala konsegwenza tal-istess incident. Il-minuri Alexander Delmar jigi bin l-atturi u miet intestat u b'hekk il-genituri tieghu u hutu, cioe' l-atturi, huma l-eredi tieghu;

"Jirrizulta li l-imsemmija vettura kienet qd tinsaq fid-direzzjoni tal-Marsa u l-incident sehh billi l-vettura habtet frontalment ma' inspection chamber li kienet tinsab fuq ic-centre strip. It-triq in kwestjoni ghandha zewg karreggjati maqsumin jew bl-imsemmija centre strip jew b'xi bini. Hemm ukoll dislivell bejn karreggjata u ohra, bil-karreggjata li tghati ghal Hal-Qormi hija f'livell iktar baxx mill-karreggjata l-ohra. Jirrizulta li c-centre strip fejn kien hemm l-inspection chamber hija wiesa hafna u ghandha wkoll il-hamrija;

"Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li, bil-mewt tal-imsemmi Alexander Delmar, huma sofrew danni. Ikomplu jippremettu li l-konvenuti konjugi Mifsud u binhom l-imsemmi Sean Mifsud, jew minn minnhom, ghandhom jitqiesu responsabbli kemm ghall-imsemmi incident stradali kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu dikjarati responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni kollha li l-atturi sofrew bhala konsegwenza tal-istess incident. Talbu ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kundannati jhallsu lill-atturi dawk id-danni li jigu hekk likwidati;

"Jirrizulta li kemm il-konvenuti konjugi Mifsud kif ukoll uliedhom l-ohra rrinunzjaw ghakk-wirt tal-imsemmi mejjet Sean Mifsud. Ghalhekk din il-kawza qed issir kontra kuaturi deputati biex jirrappresentaw l-eredita' gjacenti tal-istess Sean Mifsud;

"Il-konvenuti kuraturi deputati nomine ddikjaraw li huma mhux edotti mill-fatti tal-kawza u jirrizervaw li jippresentaw eccezzjonijiet ulterjuri wara li jsiru d-debiti verifiki;

"Il-konvenuti konjugi Mifsud qed jeccepiixxu fl-ewwel lok li din l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Fit-tieni lok eccipew illi

huma mhux il-legittimi kontradittturi. Fit-tielet lok eccipew li huma mhux responsabli ghall-incident in kwestjoni u fir-raba lok li l-atturi ma sofrewx id-danni pretizi;

“Mill-provi jirrizulta li s-sewwieq tal-imsemmija karozza, cioe l-mejjet minuri Sean Mifsud, ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwestjoni. Dan jirrizulta principalmennt mil-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti. Jirrizulta li Sean Mifsud tilef il-kontroll tal-vettura bhala konsegwenza tal-velocita’ eccessiva li biha kien qed isuq il-vettura in kwestjoni. Ma jirrizultax li s-sewwieq tilef il-kontroll tal-vettura minhabba xi fattur estraneu. Gie ukoll eskluz li l-incident seta’ sehh minhabba xi difett fl-istess vettura;

“L-atturi jsostnu li l-agir tal-konvenuti konjugi Mifsud ukoll wassal biex sehh l-incident in kwestjoni u ghalhekk huma ukoll responsabbli ghall-mewt ta’ bin l-atturi Alex Delmar. Jidher lil-vettura in kwestjoni kien akkwistha iben iehor tal-konjugi Mifsud, cioe’ Mark Mifsud. Il-vettura pero’ kienet registrata u licenzjata fuq isem il-konvenut Joseph Mifsud. Konsegwentement, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, r-responsabbilita` ghall-istess vettura kienet tal-istess konvenut Joseph Mifsud u ta’ martu l-konvenuta Doris Mifsud. Skond l-atturi peress li bin l-imsemmija konjugi Mifsud, cioe l-minuri Sean Mifsud, kien qed isuq il-vettura meta ma kellux licenzja tas-sewqan, l-istess konjugi Mifsud kellhom jiehdu hsieb u jivvigilaw li binhom minuri ma jsuqx karozzi meta ovvjament ma kellux licenzja;

“L-imsemmija pretensjonijiet tal-atturi, u cioe’ li l-konvenuti konjugi Mifsud huma responsabbli, huma bbazati fuq il-provedimenti tal-artikolu 1034 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe fuq il-“culpa in vigilando.” Dan l-artikolu jipprovdi li minn ghandu l-kura ta’ minuri hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri u dan meta “ma jkunx ha l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix.” Dawn il-provedimenti isibu l-gheruq taghhom fuq il-fatt li l-genituri huma vestiti bil-“patria potesta” ta’ uliedohom minuri. Ghalhekk huma responsabbli u ghandhom jghamlu tajjeb ghal xi dannu kawzat minn uliedhom minuri, kemm il-darba l-istess genituri jippruvaw li huma ghamlu dak kollu

li hu ragjonevolment possibbli biex jevitaw li jsehh il-fatt li wassal ghad-dannu;

“Huma l-atturi, qua atturi, li ghandhom jippruvaw sufficjentement il-pretensjonijiet taghhom Fl-opinjoni tal-Qorti, pero’, l-imsemmija provedimenti jikkreaw presunzjoni kontra l-genituri, fis-sens li jekk il-fatt dannuz gara, konsegwentement huma ma vvigilawx biex l-istess fatt ma jigrix. Il-genituri pero’ jistghu jirribattu tali presunzjoni billi jippruvaw li huma ragjonevolment hadu hsieb u ghamlu dak kollu possibbli biex jevitaw li l-istess fatt dannuz isehh. Il-konvenuti konjugi Mifsud kienu vestiti bil-patria potesta’ ta’ binhom minuri Sean Mifsud. Ghalhekk l-istess konvenuti kienu obbligati li jittutelaw lill-istess binhom minuri, li kien fdat fil-kura taghhom;

“Mill-kumpless ta’ provi prodotti u mic-cirkostanzi partikolari li jirrizultaw, din il-Qorti hi tal-fehma, li l-konvenuti konjugi Mifsud kienu jafu li binhom minuri Sean Mifsud kien qed isuq u li ma hadux il-prekawzjonijiet kollha li ragjonevolment kien mistenni minnhom biex jaraw li in effett l-istess minuri ma jkomplix isuq;

“Ix-xenarju li jemergi mill-provi hu wiehed li jindika li fir-rahal in kwestjoni, cioe Haz-Zebbug, kien diffuz il-fatt li subien minuri, li ghalhekk mhux licenzjati biex isuqu, kienu jsuqu xi vettura inkluz dik tal-genituri taghhom. Xi uhud minn dawn il-minuri sahansitra bdew isuqu meta kellhom biss tnax il-sena. Dak li kien jigri fiz-zmien li sehh l-incident in kwestjoni possibilment ghadu jigri illum. L-Awtoritajiet, ghalhekk, ghandhom jivvigilaw kontra dan il-fenomenu negattiv li probabilment mhux diffuz biss fl-imsemmi rahal, izda ukoll f’irhula u bliet ohra. Facilment tista tigi stabbilita l-eta’ ta’ xi sewwieq u facilment jista jigi verifikat jekk is-sewwieq huwiex licenzjat biex isuq jew le;

“A basi tal-imsemmija provedimenti l-konvenuti konjugi Mifsud ghandhom jitqiesu li huma responsabbli ghad-danni li kkaguna binhom minuri. Ma giex pruvat li l-istess konvenuti hadu hsieb li jaraw li l-istess danni ma jsehhux. Il-konvenuti ma pprovawx sufficjentement li bhala ‘bonus pater familia’ huma hadu hsieb biex l-event dannuz ma

jsehhx. Il-konvenuti konjugi Mifsud ghalhekk huma responsabbli ghad-danni peress li huma naqsu mid-dover ta' genituri ta' minuri li jissorveljaw kontinwament lill-istess binhom minuri:

"F'dan il-kuntest gie diversi drabi ritenut illi l-assenza fisika tal-genituri, jew ta wiehed minnhom, meta jigri l-fatt dannuz mhux bizzejjed biex l-istess genituri jehilsu mill-imsemmija responsabbilita`. Li hu necessarju hu li l-genituri jippruvaw li huma ghamlu dak kollu li kien ragjonevolment possibbli sabiex jevitaw il-fatt li kkawza id-dannu. Mhux bizzejjed li l-genituri jipprovaw li huma ma setghux jimpedixxu li s-sehh il-fatt li wassal ghad-danni sofferti minn terzi, izda irid jigi pruvat li kien impossibbli ghall-genituri li jevitaw l-istess fatt;

"Il-provi jindikaw li l-minuri Sean Mifsud kien konfidenti fis-sewqan tant li kienu jirkbu mieghu l-hbieb tieghu u jista jkun li kienett tirkeb ukoll mieghu it-tfajla li kellu. Dan jindika li Sean Mifsud kien ilu jsuq. Dan il-fatt jirrizulta ukoll mill-affidavit li ghamel huh tewmi Rueben Mifsud, li ukoll kien isuq il-karozza kull meta kienet tiigih l-opportunita'. Hu minnu li x-xhieda kollha, bl-eccezzjoni tal-imsemmi Rueben Mifsud, jghidu li huma qatt ma raw lill Sean Mifsud isuq. Ma jistax jinghad pero' li dawn ix-xhieda huma ghal kollox affidabbli. Difatti hu inverosimili dak li qal ix-xhud Brian Gatt li, dak in-nhar tal-incident, qabel ma sehh l-istess incident, kienet l-ewwel darba li ra lill Sean Mifsud isuq. Nonostante li kienet l-ewwel darba li ra lill minuri in kwestjoni jsuq, huwa xorta wahda riekeb fil-karozza misjuqa mill-istess minuri u ghad jdur ir-rahal mieghu. Jigi innotat li l-istess minuri kien jahdem fin-negozju tal-fmilja ta' dan ix-xhud;

"Jirrizulta li dak in-nhar tal-incident Sean Mifsud mar ghat-tfajla tieghu. Kif gia gie rilevat dan jindika li anke it-tfajla tieghu kienet tirkeb fil-karozza misjuqa mill-minuri Sean Mifsud. Fil-fehma tal-Qorti hu ukoll verosimili li l-konvenuti konjugi Mifsud kienu jafu li binhom minuri Sean kien isuq. Jirrizulta li l-familja Mifsud kienet ghamlet xi zmien il-Kanada fejn licenzja tas-sewqan tista tinkiseb mas-sittax (16) il-sena. Dan il-fatt seta kkondizzjona kemm lill-

genituri kif ukoll lit-tafal taghhom. Inoltre jirrizultaw indikazzjonijiet li Sean Mifsud kien isuq bil-miftuh u mhux bil-mohbi. Tant li jirrizultaw li kien imur dawra mar-rahal u kien ukoll imur fil-pjazza tar-rahal;

“Il-minuri in kwestjoni kien isuq regolarment. Dan juri li l-konvenuti konjugi Mifsud ma kienux ghamlu dak kollu possibbli biex jevitaw li binhom jibqa isuq. Dan il-fatt wassal sabiex sehh l-incident tragiku in kwestjoni fejn tilfu hajjithom tlett zghazagh tnejn minhom minuri u l-iehor ta’ dsatax (19) il-sena;

“Kif gia gie rilevat jidher li l-karozza in kwestjoni kienet tintuza minn hu Sean Mifsud, cioe Mark Mifsud, u ghalhekk jidher li l-konvenuti konjugi Mifsud ma kellhomx kontroll fuq l-istess karozza u fuq ic-cwievet taghha. Il-karozza fiz-zmien in kwestjoni kienet tinzamm barra it-triq quddiem l-abitazzjoni tal-konvenuti konjugi Mifsud. Il-minuri Sean Mifsud, kif ukoll huh tewmi, kienu jafu fejn kienu jinzammu l-“ispare keys” tal-istess karozza u huma facilment setghu jiehdu dawn l-istess cwievet. Il-konvenuti konjugi Mifsud naqsu, ghalhekk, li jkollhom kontroll shih b’mod partikolari fuq l-ispare keys tal-karozza involuta fl-incident;

“Il-konvenuta Mifsud qalet li hi u r-ragel taggha kienu jwiddbu lill-binhom minuri Sean biex ma jsuqx qabel ma jghalaq it-tmintax il-sena u jkollu l-licenzja tas-sewqan. Dan jindika li huma kellhom ghall-inqas suspett li Sean Mifsud seta kien qed isuq. Ir-raguni li gabet ghaliex kienu jwiddbu lill binhom kif intqal mhux ghal kollox verosimili u dan tenut kont tal-cirkostanzi partikolari tal-kaz. “Il-konvenuti ma kellhomx biss iwiddbu lill binhom izda kellhom jassikura li binhom taht l-ebda cirkostanza ma jsuqx u dan billi jassikuraw li jkollhom il-kontroll shih tac-cwievet kollha tal-vetturi kollha taghhom inkluz il-vettura involuta fl-incident. Inoltre jirrizulta li anke z-zewg titfal l-ohra tal-konvenuti konjugi Mifsud kienu isuqu meta kienu ghadhom minuri. Dan kellu jinduci lill-istess konjugi Mifsud li joqodu aktar attenti u jivvigilaw ahjar biex jassikuraw li uliedhom l-ohra ma jghamlux dak li kienu ghamlu l-ewwel zewg ulied;

"Minn dan kollu jirrizulta li l-konvenuti konjugi Mifsud ghandhom jigu ritenuti responsabbli biex jghamlu tajjeb ghad-danni kollha kkagunati minn binhom minuri bhala konsegwenza tal-incident in kwestjoni;

"Kwantu ghall-eccezzjonijiet dwar il-legittimi kontradditturi u dwar il-preskrizzjoni ghandu jinghad li ma hemmx dubju li l-konvenuti konjugi Mifsud huma in effett l-legittimi kontradditturi f'dawn il-proveduri u dana anke in vista ta' dak kollu li gie premess fil-presenti sentenza;

"Kwantu ghall-eccezzzjoni tal-preskrizzjoni l-konvenuti konjugi Mifsud qed jinvokaw a favur taghhom il-provedimenti tal-artikolu tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi li - "L-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn." Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-provedimenti ma japplikawx ghal dan il-kaz. Kif gia gie rilevat hawnhekk jirrizulta li n-nuqqas ta' sorveljanza u kontroll tal-konvenuti konjugi Mifsud ghar-rigward ta' binhom minuri Sean Mifsud wassal ghall-incident in kwestjoni fejn miet ukoll iben minuri tal-atturi, cioe' Alex Delmar;

"Il-fatt per se li l-minuri in kwestjoni dak in-nhar tal-incident kien qed isuq il-vettura registrata u licenzjata f'isem il-konvenut Joseph Mifsud, hu reat punibbli kriminalment a tenur tal-provedimenti tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll a tenur tal-provedimenti tal-Kapitolu 9 ukoll tal-Ligijiet ta' Malta, u dana fil-konront tal-istess konvenut Joseph Mifsud u ta' martu l-konvenuta l-ohra Doris Mifsud. Konsegwentement, ghall-finijiet tal-preskrizzjoni peress li d-danni in kwestjoni huma naxxenti minn reat punibbli kriminalment, huma applikabbli l-provedimenti tal-artikolu 2154 tal-Kapitolu 16. Ghalhekk il-provedimenti invokati, f'dan ir-igward mill-konvenuti Mifsud, mhux applikabbli ghall-azzjoni in kwestjoni. Kwindi anke din l-eccezzjoni timmerita li tigi rigettata;

"Jirrizulta ukoll li z-zewg passiggieri kienu jafu li Sean Mifsud ma kellux licenzja, pero' xorta wahda riekbu mieghu u dan ghamluh volontarjament. Inoltre jidher li l-

genituri tal-istess zewg passiggieri ma ghamlu xejn konkret sabiex jimpedixxu li uliedhom jirkbu f'karozza misjuqa minn minuri u dan nonostante li jidher li l-istess genituri kienu jafu li binhom rispettiv kien qed jirkeb f'karozzi misjuqa minn minuri. Inoltre jirrizulta li l-mejjet minuri Alex Delmar kien ukoll isuq karozzi nonostante li ma kienx lincenzjat biex isuq. Dawn il-fattuiri kollha ser jigu konsidrati ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni;

"Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni u kwantu ghal "lucrum cessans" jirrizulta li l-mejjet Alex Delmar kellu 16-il sena meta sehh l-incident. Fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, mir-risultanzi u l-cirkostanzi tal-eventwali hajja futuira tal-mejjet u tenut kont kont tal-eta' tal-mejjet u li l-aspettativa tal-hajja tax-xoghol tal-mejjet minuri, l-Qorti hi tal-fehma li ikun gust li l-"multiplier" jigi kalkolat fuq hamsa u tletin (35) sena. Id-dhul ghandu jigi kalkolat a bazi tal-paga minima nazzjonali tenut kont, pero', tal-bdil fl-gholi tal-hajja, l-eventwali taxxi li jridu jithallsu u cirkostanzi simili li jistghu jinfluenzaw fuq l-imsemm dhul. Ghalhekk id-dhul ghandu jigi kalkolat a basi ta' sitt elef euro (€6000) fis-sena. Il-mejjet minuri Alex Delmar ma kienx mizzewweg u kien ghadu jghix fid-dar tal-familja tieghu. Kwindi hadd ma kien jiddependi fuqu ghal ghajxin tieghu. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-ammont li ser jigi likwidat ghandu jitnaqqas b'hamsin fil mija (50%). It-tnaqqis ghar-rigward tal-fatt li d-danni ser jithallsu f'somma wahda u tal-fatt li din il-kawza qed tigi deciza illum ghandu jkun ta' ghaxra fil-mija (10%);

"Ghalhekk id-danni qed jigu likwidati fis-somma ta erbgha u disghin elf u hames mitt euro (€94500) u cioe €6000 x 35 sena = €210000 – €105000 (50%) = €105000 – €10500 (10%) = €94500;

"Fid-dawl ta dan kollu l-eccezzjoniet kollha tal-konvenuti konjugi Mifsud ghanhom jigu rigettati. Il-mejjet Sean Mifsud ghandu jigi dikjarat li kien responsabbli ghall-incident in kwestjoni u, a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 1034 tal-Kapitolu 16, il-konvenuti konjugi Mifsud ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghal hlas tad-danni li

sofrew l-atturi bhala konsegwenza tal-istess incident. F'dan is-sens it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti;

"Ghal dawn il-motivi kollha:

"Tiddeciedi billi fl-ewwel lok billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti konjugi Mifsud u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri Sean Mifsud kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u tiddikjara li, skond il-ligi, l-konvenuti konjugi Mifsud huma responsabbli ghal-hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-istess incident. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' erbgha u disghin elf u hames mitt euro (€94500) u tikkundanna lill-istess konvenuti konjugi Mifsud ihallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' €94500 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

"Spejjes kollha kontra l-konvenuti konjugi Mifsud."

**Rikors tal-appell tal-konvenuti**

Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha billi qed isostnu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u tal-ligi meta ddikjarat lill-appellanti responsabbili *qua* genituri ta' Sean Mifsud ghad-danni kkawzati minn binhom.

Fil-qosor l-aggravji tal-konvenuti huma s-segwenti:

1. L-ewwel aggravju jirrigwarda c-cahda tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnhom. Skont l-appellanti l-preskrizzjoni applikabbili hija dik ta' sentejn skont l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Il-preskrizzjoni applikabbili ghar-reati kontemplati fil-Kap. 104 u l-Kap. 9 se mai japplikaw biss ghal Sean Mifsud u mhux ghall-konvenuti. Ir-responsabbilita` taghhom bhala genituri in pessima ipotesi tista tkun biss dik ta' *culpa in vigilando*, u cioe` responsabbilita` civili ghad-danni a tenur tal-Artikolu 2153.

2. It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza u tikkonsidra r-responsabbilita` tad-*decujus* u tal-kuraturi deputati u filwaqt li sabet lid-decujus responsabbili ghall-incident, naqset li tikkundanna lill-kuraturi tal-istess decujus, u minflok ikkundannat lilhom biss.

3. It-tielet aggravju huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-grad ta' responsabbilita` tal-genituri meta kkonkludiet li l-appellanti ma hadux il-prekawzjonijiet kollha sabiex it-tifel taghhom ma jsuqx la darba ma kellux licenzja tas-sewqan. Apparti minn hekk ghamlet apprezzament hazin tal-ligi ghax ippretendiet obbligu ta' vigilanza mill-genituri ferm oghla minn dak rikjest mil-ligi.

4. Ir-raba' aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza u tikkunsidra r-responsabbilita` tat-tifel tal-atturi appellati stess u ghalhekk naqset li tapplika l-principju ta' *volenti non fit iniuria.* L-appellanti jsostnu li dan il-principju japplika f'dan il-kaz u ghalhekk huma ghandhom jigu ezonerati minn kull responsabbilita`. Jirrizulta, skont l-appellanti, li ma kienitx l-ewwel darba li Alexander Delmar volontarjament pogga hajtu f'periklu meta rikeb f'vettura misjuqa minn persuna mhux licenzjata u l-appellati ma ghamlu xejn biex izommuh. Inoltre l-appellati kienu jafu wkoll li Alexander Delmar kien isuq meta ma kellux licenzja.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellanti jsostnu, fil-hames aggravju, li l-ewwel Qorti llikwidat hazin id-danni sofferti mill-atturi appellati. Ghalkemm l-appellati u wliedhom kienu jafu bir-riskji inkorsi xorta wahda l-ewwel Qorti ma rriducietx l-ammont in linea ta' kumpens u l-uniku tnaqqis li ghamlet kien ghal-*lump sum reduction.* Inoltre dwar dan it-tnaqqis l-ewwel Qorti ma naqqsitx 20% kif solitu jsir, meta jkun hemm ragunijiet bizzejjed biex taghmel dan, bhat-tul li hadu l-proceduri f'dan il-kaz u l-fatt li nghatat sentenza wara tnejn u tletin xahar.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuti talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**Risposta tal-atturi appellati.**

L-atturi appellati pprezentaw ir-risposta taghhom fejn l-aggravji relattivi tal-appellanti gew kollha kontestati u ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Jigi notat li ghalkemm fir-risposta jissemma' li sar appell incidentali[1] b'verbal tal-11 ta' Ottubru 2010 quddiem din il-Qorti, l-appellati ddikjaraw li effettivament huma ma ghamlu ebda appell incidentali.

**Risposta tal-appell tal-kuraturi deputati**

Il-kuraturi deputati, a skans ta' repetizzjoni inutile, ghamlu referenza ghar-rikors tal-appell prezentat mill-konvenuti appellanti u ddikjaraw li jaderixxu ruhhom mal-argumenti hemm esposti u dan dejjem pero` bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-istess kuraturi deputati.

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga' tirrepetihom. Dan kien incident stradali li gara fi Mdina Road, Qormi (fejn il-Kia showroom) fil-15 ta' Settembru 1996 li fih mietu tliet zghazagh, is-sewwieq u zewg passiggiera.

**Konsiderazzjonijiet**

[1] Ara risposta tal-appell para. 26.

B'verbal tal-15 ta' Novembru 2004[2] quddiem l-ewwel Qorti l-partijiet kollha f'din il-kawza u fil-kawza 236/99GC fl-ismijiet **Joseph Camilleri et v. Joseph Mifsud et** qablu li l-provi kollha li nstemghu f'din il-kawza kellhom jitqiesu li nstemghu wkoll fil-kawza 236/99 u vice versa.

<u>Responsabbilita` ta' Sean Mifsud sewwieq tal-vettura involuta fl-incident.</u>

Fir-rikors tal-appell tal-appellanti ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita` ta' Sean Mifsud ghall-incident in kwistjoni kif deciz mill-ewwel Qorti. Mill-process verbal ezibit[3] jirrizulta li Sean Mifsud kellu jwiegeb ghal sewqan b'sahha rraggonevoli li wassal ghall-incident. Gie eskluz li kien hemm xi difett fil-vettura[4] jew li kien hemm xi *driver* iehor jew utent iehor tat-triq li fixkel lis-sewwieq.[5]

<u>Responsabbilita` tal-kuraturi konvenuti.</u>

Sean Mifsud miet intestat u l-ġenituri tieghu u hutu, li kienu l-eredi tieghu rrinunzjaw ghall-eredita`. Il-kawza saret kemm kontra l-genituri ta' Sean Mifsud a bazi tal-Artikolu 1034 tal-Kap. 16 kif ukoll kontra l-kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti tal-istess Sean Mifsud.

L-appellanti jsostnu **fit-tieni aggravju** taghhom li l-ewwel Qorti filwaqt li sabet lid-decujus responsabbili ghall-incident, naqset li tikkundanna wkoll lilu u lill-kuraturi tal-istess decujus.

Fil-fatt fin-nota responsiva tal-appellati hemm dikjarat[6] li l-ewwel Qorti kellha tiddikjara wkoll lill-kuraturi deputati bhala responsabbili in solidum flimkien mal-appellanti konjugi Mifsud ghall-hlas tad-danni li garrbu l-appellati.

---

[2] A fol. 172.
[3] Proces Verabl a fol. 45 et seq u rapport Dr. J. Micallef Stafrace para. 21 u 22 a fol 82.
[4] Xiehda tal-espert Joseph Zanmit a fol. 57.
[5] Rapport Dr. J. Micallef Stafrace para 22 a fol. 82.
[6] Ara para. 23 tar-risposta tal-appell.

Illi jidher li l-appellanti ghandhom ragun fuq dan it-tieni aggravju u la darba l-ewwel Qorti sabet li l-minuri Sean Mifsud kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk is-sentenza appellata ser tigi riformata fis-sens li l-kuraturi konvenuti appellati ser ukoll jigu kundannati *in solidum* mal-konvenuti appellanti wara li l-Qorti tiddisponi mill-aggravji l-ohra tal-appellanti.

**<u>Responsabbilita` tal-genituri - *Culpa in vigilando*</u>**

Min isofri danni bl-eghmil ta' persuna inkapaci, ghandu zewg azzjonijiet: wahda diretta kontra l-inkapaci, jew kuraturi fin-nuqqas tieghu u l-ohra indiretta kontra min ghandu l-kura tal-istess inkapaci.

F'dan il-kaz dwar ir-responsabbilita` ta' Sean Mifsud ma hemmx kontestazzjoni billi meta gara l-inċident huwa kellu sittax-il sena, u ghalhekk, skont l-art. 1035 tal-Kodici Civili, iwiegeb ghall-hsara li ghamel. Infatti dan l-Artikolu jipprovdi li "L-imgienen, it-tfal ta' taht l-età ta' disa' snin, u, meta ma jigix ippruvat li mxew bil-hazen, it-tfal ukoll li ma jkunux ghalqu l-età ta' erbatax-il sena, mhumiex obbligati ghall-hlas tal-hsarat maghmulin minnhom; izda jibqa' shih il-jedd ta' min ikun bata l-hsara ghall-azzjoni, meta hemm lok ghaliha, kontra dawk li huma obbligati ghal dawk il-hsarat, skond l-ahhar artikolu qabel dan".

Dak l-Artikolu, 1034 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "Kull min jiehu hsieb ta' wiehed minuri jew ta' mignun, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix".

Il-kwistjoni f'dan il-kaz hija jekk il-genituri ta' Sean Mifsud iwegbux ukoll ghall-hsara ghal dak li gara. Biex tirnexxi l-azzjoni kontra l-genituri, l-atturi kellhom juru illi l-genituri ta' Sean Mifsud ma hadux hsieb bil-ghaqal ta' *bonus paterfamilias* biex jaraw li ma jsirx il-fatt li ghamel il-hsara.

Il-ligi ma tiddefinixxix xi tfisser il-frazi "il-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja", pero` l-Artikolu 1032 tal-istess Kapitolu 16 jghid illi jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax

il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, pero` illi hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.

L-ewwel Qorti ppremettiet li ghalkemm hemm prezunzjoni kontra l-genituri fis-sens li jekk il-fatt dannuz jigri, mela allura huma ma vvigilawx, huma pero` setghu jirribattu din il-presunzjoni "kemm il-darba l-istess genituri jippruvaw li huma ghamlu dak kollu li hu ragjonevolment possibili biex jevitaw li jsehh il-fatt li wassal ghad-dannu"[7].

Fuq il-fatti li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kkonkludiet hekk:
"Mill-kumpless ta' provi prodotti u mic-cirkostanzi partikolari li jirrizultaw, din il-Qorti hi tal-fehma, li l-konvenuti konjugi Mifsud kienu jafu li binhom minuri Sean Mifsud kien qed isuq u li ma hadux il-prekawzjonijiet kollha li ragjonevolment kien mistenni minnhom biex jaraw li in effett l-istess minuri ma jkomplix isuq"

Wahda mill-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti kienet li fir-rahal in kwistjoni kien diffuz il-fatt li subien minuri mhux licenzjati jsuqu l-vetturi tal-genituri taghhom. Din il-Qorti hi tal-fehma li din il-konsiderazzjoni ma kienetx f'lokha billi l-Qorti trid tiddeciedi fuq dak li gara fil-kaz in ezami u mhux x'solitu jigri. "*The point is not what generally happens but what did actually happen in the particular case*".[8]

L-ewwel Qorti wkoll ma kienitx korretta meta osservat fis-sentenza f'pagna 7 li: "Jirrizulta li l-familja Mifsud kienet ghamlet xi zmien il-Kanada fejn licenzja ta' sewqan tista' tinkiseb mas-sittax (16)-il sena. Dan il-fatt seta' ikkondizzjona kemm il-genituri kif ukoll lit-tfal taghhom". Fil-fatt, a fol. 107, jirrizulta li kienet Maria Delmar li semmiet li huma kienu ghamlu zmien il-Kanada u mhux il-familja Mifsud.

[7] Debono v. Camilleri P.A. 25 ta' Gunju 1953.
[8] App. Il-Pulizija v. Coggle 11 ta' Dicembru 1967.

Illi din il-Qorti pero` taqbel in sustanza mal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti li kien hemm indikazzjonijiet li Sean Mifsud kien isuq bil-miftuh u mhux bil-mohbi. Brian Gatt, li mieghu Sean Mifsud kien jahdem, xehed li kien rah biss lil Sean isuq dakinhar stess tal-incident (ara fol. 94) ghalkemm f'parti ohra tax-xiehda tieghu (a fol. 174) jghid li kien rah isuq dik il-gimgha stess li sehh l-incident. Gatt isemmi li dakinhar tal-incident kien mar ma' Sean u ohrajn iduru bil-karozza u spiccaw fil-pjazza ta' Haz-Zebbug fejn baqghu ghal madwar kwarta[9]. Jidher li dan ma kienx agir ta' xi hadd li ghamel skappatura, xi haga bil-mohbi biss. Hu Sean, Rueben, ammetta li hu u huh kienu jsuqu bla licenzja u jiddeskrivi kif kienu jaghmlu biex jiehdu l-karozza. Roberta Micallef ikkonfermat li rat lil Rueben diversi drabi jsuq. Maria Delmar xehdet li kienet tara lil wiehed mit-tewmin isuq fil-miftuh u bla habi[10]. Il-konvenuti pero` jghidu li b'dan kollu ma kienu jafu xejn.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, huwa inverosimili li l-konvenuti konjugi Mifsud ma kienux jafu li binhom minuri Sean (u wara kollox anke Rueben) kien isuq.

Sean kien dilettant tal-karozzi[11] u dan ikkonfermah missieru. Hu kien jahdem f'xoghol konness ma' accessorji tal-karozzi. Dwar il-kwistjoni li Sean kien jiehu c-cwievet tal-karozzi u skont il-konvenuti dan kien qed jaghmlu *ad insaputa* taghhom, il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet.

Ghalkemm il-karozza involuta fl-incident kienet ta' Mark Mifsud, hu Sean u iben il-konvenuti, din kienet registrata fuq il-konvenut Joseph Mifsud, u ghalhekk ai fini u effetti kollha tal-ligi r-responsabbilita` ghal dak li jigri bil-karozza kienet ta' Joseph Mifsud. Sean kien isuq karozza li kienet registrata u licenzjata fuq Joseph Mifsud u kienet tkun ipparkjata quddiem ir-residenza tal-konjugi Mifsud.

---

[9] Ara fol. 94.
[10] Xiehda taghha a fol. 111.
[11] Ara affidavit ta' Joseph Mifsud a fol. 152.

Ir-responsabbilita` prudenzjali ta’ genitur bhala “bonus paterfamilias” mhiex limitata biss biex jara li c-cwievet tal-karozza ma jispiccawx f’idejn il-minuri u tieqaf hemm imma, bhal kull genitur, ir-responsabbilita` ghall-minuri tmur oltre u tinkludi fost hafna doveri ohra, li jara ma’ min kien qed ikun il-minuri, fejn qed imur, il-hinijiet ta’ hrug u dhul tieghu kif ukoll kif qed jaghmel biex jasal minn post ghall-iehor. “Il-genituri ghandhom mhux biss responsabbilita` li jharsu lil uliedhom izda wkoll li jedukawhom”[12].

Dak li jinteressa lil din il-Qorti huwa jekk il-genituri kienux jew messhomx kienu jafu dak li kien qieghed jaghmel jew ma jaghmilx Sean u x'passi hadu jew messhom hadu biex jikkontrollaw, fil-limiti tar-raguni l-komportament, ta' binhom minuri.

L-ewwel Qorti semmiet ukoll li l-assenza fizika tal-genituri, jew wiehed minnhom, mhix bizzejjed biex huma jehilsu mir-responsabbilita`. Lanqas ma hu bizzejjed li jippruvaw li ma setghux jimpedixxu l-event dannuz imma huma kellhom jippruvaw li ghamlu dak kollu li kien ragjonevolment possibli biex jevitaw li jsehh il-fatt.

Jirrizulta mill-provi li l-konvenuti mizzewgin Mifsud diga` kellhom problemi simili bit-tfal l-ohra li kienu jsuqu wkoll meta kienu minuri u ma kellhomx licenzja[13]. Huma jghidu li minhabba f’hekk kienu qaghdu aktar attenti biex dak li gara mat-tfal l-ohra ma jirrepetix ruhu mat-tewmin, izda donnu l-lezzjoni ma taghlmuhiex. Omm Sean xehedet li kienet twiddeb lil Sean biex ma jsuqx bla licenzja u dan minnu nnifsu juri li huma kellhom suspett li Sean seta’ kien qed isuq, kieku ma kienux ihossu n-necessita` li jwiddbuh. Inoltre l-konvenuti mhux biss kellhom iwiddbu lil Sean imma kellhom jassikuraw li hu taht ebda cirkostanza ma jsuq u jkollhom kontroll shih tac-cwievet kollha tal-vetturi inkluza dik involuta fl-incident.

---

[12].Xerri v. Sultana PA (AE) 16 ta’ Settembru 2009. Ara wkoll Magro v. Zammit 29 ta’ April 1960.
[13] Ara fol. 150 u fol. 143.

Jidher pero` li l-konvenuti konjugi Mifsud ma kienux stretti fuq l-issorveljar tac-cwievet tal-karozzi. Il-konvenut Joseph Mifsud a fol. 135 xehed li kien ihalli c-cwievet fil-karozzi meta jkunu fil-*garage* izda mbaghad meta pprezenta l-affidavit tieghu biddel din il-verzjoni u qal li kien inehhi c-cwievet mill-karozzi (ara fol. 150). Anke c-cwievet ta' karozza li kienet involuta fl-incident kienu go kaxxa fi gwardarobba izda l-kaxxa kienet tkun maghluqa biss u mhux imsakkra[14].

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Micallef St John v. Spiteri[15]:**
"Il-Qorti tifhem u tapprezza illi d-dixxiplina f'dik l-eta` u fiz-zmien tal-lum mhux daqstant facli. Tifhem ukoll illi l-missier kien aktar propens biex jassigura l-onesta` tat-tifel mieghu milli biex ipoggih in regola. Mill-banda l-ohra pero` aktar ma kien iebes l-ezercizzju ta' dixxiplina, akbar kellha tkun id-diligenza da parti tal-missier biex jevita kull tentazzjoni tat-tifel minuri li jikser ir-regola. Anke din tentazzjoni kbira fiz-zminijiet tal-lum fejn si tratta ta' sewqan ta' karozzi qabel ma tittiehed il-licenzja, specjalment meta l-attrazzjoni tkun tinkludi wkoll karozza veloci u moderna".

Din il-Qorti ghalhekk, bhal l-ewwel Qorti, hija tal-fehma illi l-konvenuti konjugi Mifsud naqsu milli jiehdu l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja biex binhom Sean ma jaghmilx hsara lil haddiehor. Ghalhekk ghandhom iwiegbu huma wkoll ghall-hsara minnu kagonata.

It-**tielet aggravju** ghalhekk mhux qed jigi milqugh.

Preskrizzjoni

Illi b'digriet tat-3 ta' Gunju 2010, fuq rikors tal-konjugi Mifsud fil-kawza l-ohra **Camilleri v. Mifsud** 236/99 li kienet qed tinstema' ma' din il-kawza, il-Qorti laqghet it-talba taghhom biex iqajmu eccezzjoni ulterjuri fis-sens li t-talbiet attrici huma preskritti skont l-Artikolu 2153 tal-Kap.

[14] Ara xiehda Mark Mifsud a fol. 165.
[15] Deciza fil-15 ta' Jannar 2002.

16 u subordinatament u minghajr pregudizzju l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2154(1) tal-Kap. 16 kombinat mal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104.

Skont l-appellanti, f'dan il-kaz, il-preskrizzjoni applikabbili hija ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Huma l-aktar li jistghu jinsabu responsabbili huwa ghall-*culpa in vigilando* jew li ppermettew li Sean juza l-karozza meta ma kellux licenzja, Kap. 104, li pero` ghalihom tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn, u qatt ma setghu jinsabu kriminalment responsabbili ta' omicidju involontarju billi ta' dan seta' jahti biss Sean Mifsud. Skont l-appellanti l-preskrizzjoni ta' hames snin ghalhekk ma tapplikax.

L-ewwel Qorti ddecidiet li f'dan il-kaz ma kienx japplika l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u peress <u>illi d-danni in kwestjoni kienu naxxenti minn reat punibbili kriminalment</u>, kienu applikabbli l-provvedimenti tal-Artikolu 2154 tal-Kapitolu 16 u cioe` tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Illi skont l-Artikolu 2154(1) tal-Kap.16, " Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali". Ir-reat li seta' jkun responsabbili ghalih Sean Mifsud f'dan il-kaz kien ta' omicidju involontarju u dan skond l-Artikolu 225 abbinat mal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9, li jgorr mieghu preskrizzjoni ta' hames snin. Il-konjugi Mifsud jirrispondu civiliment ghad-danni kommessi b'reat minn binhom.

Kif qalet din il-Qorti, diversament komposta fil-kawza **Micallef St John v. Spiteri** surriferita, fejn gie dibattut l-istess punt. Hi kkonkludiet hekk:
"Dan ifisser illi t-terminu preskrittiv tal-azzjoni civili ghall-hlas u risarciment tad-danni konsegwenzjali ghall-akkuza ta' omicidju involontarju kellu jkun dak ta' hames snin, terminu li jestendi wkoll ghall-azzjoni in kwantu diretta kontra l-missier li taht is-setgha, it-treggija u l-hsieb tieghu kellu lill-ibnu minuri. Dan ghaliex hu wkoll kien ikun suggett ghall-istess piena jekk jigi ppruvat illi naqas mill-obbligu tieghu li jgieghel illi l-ligi tigi mharsa minn ibnu

minuri u jekk jigi ppruvat li dak li sehh seta' jigi evitat fid-diligenza da parti tieghu”.

F’dan il-kaz gie ppruvat li l-konvenuti ma hadux il-mizuri biex jigi evitat il-fatt, ghalhekk il-preskrizzjoni ta’ hames snin tapplika f’dan il-kaz.  Imma anke kieku, fil-kaz in ezami jirrizulta li fir-rigward ta’ Joseph Mifsud u l-kuraturi dawn gew notifikati wkoll entro t-terminu ta’ sentejn kif jirrizulta mid-dok. a fol. 31.  L-incident gara fil-15 ta’ Settembru 1995 u l-ittra ufficjali ntbaghtet fit-3 ta’ Frar 1997 giet notifikata *entro* s-sentejn kif jidher mir-riferti a fol. 35.

Din l-eccezzjoni ghalhekk, apparti dak li ghadu kemm inghad, qed tigi michuda, kemm ghaliex id-disposizzjoni tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 invokata ma hux applikabbili kif ukoll ghaliex dik applikabbli timponi terminu preskrittiv ta' hames snin li kien ghadu m’ghaddiex mid-data tal-akkadut sad-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni.

Ghalhekk **l-ewwel aggravju** qed jigi michud.

*Volenti non fit injuria*

Fir-**raba’ aggravju** l-appellanti jishqu li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza u tikkunsidra r-responsabbilita` ta’ Alexander Delmar li volontarjament pogga hajtu f’periklu meta rikeb f’vettura misjuqa minn persuna mhux licenzjata u ghalhekk il-Qorti naqset li tapplika l-principju ta’ *volenti non fit iniuria.*  Jghidu wkoll li l-appellati kienu jafu li binhom kien isuq meta ma kellux licenzja u ma ghamlu xejn biex izommuh.

L-applikazzjoni tal-principju *volenti non fit iniuria* jippresupponi tliet elementi: il-prevedibbilità tal-periklu, regoli kif dak il-periklu jigi evitat jew b’xi mod imnaqqas, u l-ksur volontarju ta’ dawk ir-regoli da parti ta’ min wegga’.

Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et v. Carmelo Pace** deciza fil-5 ta' Marzu 1986[16] imsemmija mill-partijiet fejn intqal hekk:
'*B'riferenza ghall-imsemmi principju volenti non fit iniuria, ic-Charlesworth, Law of Negligence, pagna 498, josserva:*

*'A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run';*

Kif ikompli ic-Charlesworth, op. cit. (Pagna 498):
*'… the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is volenti non fit iniuria and not scienti non fit iniuria. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn*'.

Fil-kaz in ezami l-espert tat-traffiku nominat mill-Magistrat Inkwerenti rrelata li ma setghax jinghad x'gara qabel l-incident billi t-tliet okkupanti tal-vettura, cioe` z-zewg passiggiera u s-sewwieq, mietu. Ghalhekk il-Magistrat inkwerenti kkonkluda li lanqas ma seta' jinghad jekk iz-zewg passiggieri fil-vettura kienux incitaw lil Sean Mifsud biex isuq jew biex isuq bis-sahha u b'konsegwenza ta' hekk kellux japplika l-principju ta' *volenti non fit injuria*.[17]

[16] Vol. LXX p. 2 p. 143.
[17] A fol. 47.

Il-fatt li l-vittma, f'dan il-kaz Alexander Delmar, minn jeddu rikeb bhala passiggier fil-karozza ma jfissirx li kien sar xi ftehim bejnu u s-sewwieq li jekk ikollhom xi incident il-vittma kien ser jaghmel tajjeb ghat-telf kollu li jgarrab. Kull persuna hi gustifikata li tahseb li s-sewwieq ser jadopera d-diligenza u l-prekawzjonijiet mehtiega biex jigi evitat id-dannu. Lanqas ma hemm xi prova li Sean Mifsud kien maghruf li jsuq regolarment bi *speed* eccessiv. Inoltre Brian Gatt, li qabel l-incident kien rikeb ma' Sean Mifsud, xehed[18] li deherlu li s-sewqan ta' Mifsud kien sewqan normali ta' persuna li taf issuq u kien ghaddej bil-mod. Mhux kull min isuq minghajr licenzja ma jafx isuq. Anzi jidher li f'dan il-kaz Sean Mifsud ma kienx principjant.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li fuq il-provi akkwiziti ma jirrizultax li meta Alexander Delmar u Carlos Camilleri rikbu ma' Sean Mifsud kienu qeghdin necessarjament ipoggu volontarjament hajjithom f'periklu. Ma giex pruvat li kien hemm xi ftehim espress bejn Alex Delmar u Sean Mifsud biex tal-ewwel jiehu xi riskju fuqu u lanqas ma kien hemm xi ftehim tacitu biex huwa jassumi dak ir-riskju. Biex ikun hemm ftehim tacitu kien jehtieg li jigi ppruvat li Alexander Delmar kellu mhux biss ix-xjenza shiha tan-natura u l-estensjoni tar-riskju imma li ried jassumi u ghamel ftehim biex ir-riskju jaqa' fuqu u mhux fuq haddiehor. Il-massima hija volenti u mhux *scienti non fit iniuria*.

Il-massima fuq citata ma tapplikax fil-kaz ta' Alexander Delmar, u anqas u anqas fil-kaz tal-genituri tieghu, konsegwentement dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

<u>Danni</u>

L-appellanti jsostnu fil-hames aggravju li ghalkemm l-appellati u binhom kienu jafu bir-riskji inkorsi xorta wahda l-ewwel Qorti ma rriducietx l-ammont tad-danni biex jirrispekkja dan.

---

[18] A fol. 94.

Jigi rilevat li d-difiza ta' *volenti non fit injuria* hi differenti minn dik ta' htija kontributorja. L-ewwel Qorti ma applikatx il-principju surreferit ghax kieku l-konvenuti kienu jigu mehlusa mir-responsabbilita`. Lanqas ma sabet li kien hemm xi htija kontributorja, ghax kieku l-atturi kienu jehlu parti mit-tort, imma qalet biss li kienet ser tikkonsidra l-fatt li l-vittimi rikbu volontarjament ma' Sean Mifsud fil-konsiderazzjoni taghha fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, u jidher li dan ghamlitu billi kienet konservattiva fl-ammont li llikwidat.

L-appellanti jsostnu wkoll li dwar il-*lump sum reduction* l-ewwel Qorti ma naqqsitx 20% kif solitu jsir, meta kien hemm ragunijiet bizzejjed biex taghmel dan, u dan minhabba t-tul tal-proceduri u z-zmien li ghadda biex inghatat is-sentenza.

L-appellanti mhux qed jillanjaw mil-liwidazzjoni tad-danni *per se* imma biss li ma saritx id-deduzzjoni ta' 20% minhabba ghal-*lump sum payment.* L-ewwel Qorti hekk iddecidiet: "It-tnaqqis ghar-rigward tal-fatt li d-danni ser jithallsu f'somma wahda u tal-fatt li din il-kawza qed tigi deciza llum ghandu jkun ta' ghaxra fil-mija (10%)".

L-appellanti jsostnu li kellha ssir deduzzjoni ta' 20% billi (1) l-atturi damu biex bdew il-proceduri gudizzjarji, (ii) il-gbir tal-provi kien wiehed li ha z-zmien, xejn inqas minn hames snin u (iii) l-ewwel Qorti damet 32 xahar biex tippronunzja s-sentenza.

Dwar il-*lump sum deduction* jinghad fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe v. Emanuel Xuereb pro et noe.** (P.A. JSP deciza fil-5 ta' Ottubru 1995) li: *"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorta ta' decizjonijiet ohra moghtija… jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data"*[19].

[19] Ara wkoll Caruana v. Falzon App. 5 ta' Ottubru 2001.

Bhala gwida u mhux bhala regola, it-tnaqqis ta' 20% isir fil-kaz li d-decizjoni tinghata sa tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, u meta jghaddi dak il-perjodu, 2% kull sena. Fil-kaz in ezami l-kawza giet pprezentata fil-20 ta' Jannar 1999 u giet deciza fit-3 ta' Ottubru 2008, cioe` tmien snin u disa' xhur cirka u ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ma kellha ssir ebda deduzzjoni. Jekk xejn it-trapass taz-zmien ma kellux jimmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident u kontra l-vittma li sofriet id-danni. Izda jidher li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni fatturi ohra li hija semmiet fis-sentenza biex timmitiga d-danni. Inoltre jigi rilevat li l-kawza giet pprezentata fl-1999 u l-atturi ghalqu l-provi taghhom fl-2003 (ara fol. 146) li mhux zmien irragjonevoli meta wiehed jikkunsidra l-gravita` tal-kaz fejn ghandek tliet zghazagh li tilfu hajjithom u fejn kienet saret inkjesta magisterjali.

Ghalhekk dan l-aggravju mhux gustifikat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' parzjalment l-appell limitatament fejn il-konvenuti appellanti jippretendu li l-konvenuti kuraturi appellati kellhom ukoll jinsabu responsabbli ghall-incident *de quo* u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-kuraturi konvenuti appellati responsabbli flimkien mal-konvenuti appellanti ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u tiddikjara li skont il-ligi l-istess kuraturi konvenuti appellati huma responsabbli *in solidum* mal-konvenuti appellanti ghall-hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-istess incident u tikkundanna lill-istess kuraturi konvenuti appellati u lill-konvenuti appellanti sabiex ihallsu solidament bejniethom lill-atturi appellati s-somma ta' erbgha u disghin elf u hames mitt euro (€94,500) kif likwidata in linea ta' danni mill-ewwel Qorti u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti appellanti u l-kuraturi konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------